16 ta' Frar, 1945.

Imħallfin:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., *A President*.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Carabott *versus* Salvatore Debono et.

**Integrità tal-Ġudizzju — Kjamata fil-Kawża — Appell — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 978 tal-Proċedura Ċivili.**

*F'kawża fejn tiġi kontestata ċirkustanza li għandha l-fondament tagħha f'att li sar bejn persuni diversi, id-dikjarazzjoni mitluba mill-Qorti tolqot, jekk tiġi milqugħa, lil dawk kollha li kellhom parti fl-att; għalhekk il-ġudizzju ma jkunx integru jekk ma jkunux fil-kawża dawk il-persuni kollha interessati.*

*Apparti l-kwistjoni jekk dana n-nuqqas setax jiġi sanat fl-ewwel istanza bil-kjamata fil-kawża ta' dawk il-persuni, dan ir-rimedju ma jistax jiġi adottat f'sede ta 'appell; u għalhekk bħal fil-każ, il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-kawża.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li qal li l-attur fit-28 ta' Diċembru 1942 kien biegħ lin-Nobbli Charles Sant Fournier fl-atti tan-Nutar E. Calleja Schembri l-lukanda "West End", San Pawl il-Baħar, mingħajr ebda dritt tal-liċenzi li kellu fiha; u billi fl-20 ta' Frar 1943 l-attur ikkonċeda mingħajr ebda titolu ta' bejgħ il-liċenza ta' "Wines and Spirits" lil Paolo Azzopardi; billi l-konvenut irkupra dana l-fond mill-poter ta' l-imsemmi Sant Fournier, ippretenda illi fl-irkupru kien hemm ukoll kompriża l-liċenzi li kellu l-attur; u li bi protest tiegħu tal-15 ta' Marzu 1944 oppona ruħu għad-domanda ta' l-imsemmi Azzopardi tas-6 ta' Novembru 1943 biex l-istess liċenza tiġi ġirata a favur ta' l-attur bħala proprjetarju ta' l-istess; wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji; u kwalunkwe provvediment li jkun hemm bżonn, talab illi jiġi deċiż u dikjarat minn dina l-Qorti li fl-att tal-bejgħ li sar bejn l-attur u Sant Fournier fl-atti fuq imsemmija ma kienetx kompriża l-liċenza tal-"Wines and Spirits", la fl-att u lanqas verbalment, u lanqas meħuda konsiderazzjoni tagħha fil-prezz

tal-bejgħ; u għalhekk hija ta' proprjetà ta' l-attur; (2) li l-konvenut Axisa nomine jiġi awtorizzat minn dina l-Qorti jdawwar a favur ta' l-attur u fl-isem tiegħu l-istess liċenza non ostanti l-oppożizzjoni tal-konvenut Salvatore Debono; bl-ispejjeż kollha kontra dana ta' l-aħħar, kompriżi dawk tal-kontroprotest tal-25 ta' April 1944;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Novembru 1944, li biha ġew respinti d-domandi bl-ispejjeż, minbarra dawk tal-konvenut Axisa nomine li kellhom jibqgħu mingħajr taxxa; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi huwa veru illi l-liċenza fil-kwistjoni ma ssemmietx espressament fl-att tal-bejgħ, u ġiet trasferita lill-kumpratur Nobbli Sant Fournier wara li kien sar il-fatt, però, kif jidher mill-istess kuntratt tal-bejgħ, dan il-bejgħ sar espressament tal-"West End Hotel", jiġifieri ma sarx biss bejgħ tal-fabbrikat, imma anki tal-lukanda bħala fond kummerċjali, u għalhekk l-aċċessorji tagħha għandhom jiġu inklużi, u fosthom, u prinċipalment, il-liċenza. Il-fatt illi t-trasferiment ta' din il-liċenza sar wara l-pubblikazzjoni ta' l-att favur l-istess kumpratur juri l-intenzjoni tal-partijiet f'dana s-sens. U meta wieħed jeżamina x-xhieda tan-Nobbli Sant Fournier jiġi wkoll għal dina l-konklużjoni. Għaliex, benkè huwa qal........... U s-sensal Giuseppe Aquilina......... Dana kollu juri illi l-bejgħ sar tal-lukanda bħala azjenda kummerċjali; u għalhekk it-trasferiment ta' dina l-liċenza kien impliċitu. Anki l-fatt l-ieħor illi wara l-irkupru Sant Fournier reġa' rritorna l-liċenza lill-attur hija konferma ta' dak li ntqal iżjed 'il fuq, fis-sens illi la darba sar l-irkupru ma kellux iżjed bżonnha, peress illi hija relativa għal-lukanda u peress illi kien dritt aċċessorju magħha;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut Debono;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appellant li, in vista tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar 1945, fil-kawża "Salvatore Debono vs. Carmelo Carabott", li biha ġie deċiż u dikjarat li Salvatore Debono ma setax jirkupra l-liċenza in kwistjoni, issottometta li rriżulta ċar li l-appellant huwa l-proprjetarju ta' l-istess liċenza u l-oppożizzjoni ta' l-appellat hija inġusta u illegali, u għalhekk it-tieni domanda, li hija prinċipali f'din il-kawża, għandha tiġi milqugħa. Kompla jgħid li jekk hemm xi kwistjoni rigward il-prezz tal-bejgħ, dina għandha tiġi deċiża biss in konfront mal-kumpratur Nobbli Sant Fournier f'kawża oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel domanda miġjuba fiċ-ċitazzjoni l-appellant talab li jiġi deċiż u dikjarat li l-att tal-bejgħ li sar bejnu u Sant Fournier fl-atti tan-Nutar E. Calleja Schembri tat-28 ta' Diċembru 1942, ma kienetx kompriża l-liċenza tal-"Wine and Spirits", la fl-att u lanqas verbalment, u anqas meħuda konsiderazzjoni tagħha fil-prezz tal-bejgħ, u għalhekk hija ta' proprjetà ta' l-istess appellant;

Ikkunsidrat;

Illi bid-domanda fuq imsemmija l-appellant qiegħed jikkontesta ċirkustanza li, kif huwa stess jammetti, għandha l-fondament tagħha fl-att tal-bejgħ li sar bejnu u Sant Fournier; u d-dikjarazzjoni bl-istess domanda mitluba, kieku kellha tiġi mogħtija, tkun tolqot ukoll lill-imsemmi Sant Fournier, li mhux fil-kawża u li huwa wieħed mill-leġittimi kontradittur. Huwa magħruf li biex il-ġudizzju jkun integru hija neċessarja l-preżenza ta' l-interessati kollha; u għalhekk f'dan il-każ din l-integrità hija nieqsa;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jippretendi li t-tieni domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa indipendentement mill-ewwel waħda, billi mhix konsegwenzjali għaliha; iżda dik il-pretensjoni mhix aċċettabili, billi huwa evidenti li dik it-tieni domanda tiddependi direttament mill-ewwel waħda, u preċiżament mid-dikjarazzjoni mitluba li l-liċenza tal-"Wines and Spirits"

ma kienetx kompriża fil-bejgħ tal-"West End Hotel" magħmul mill-appellant lil Sant Fournier, u għalhekk baqgħet ta' proprjetà ta' l-istess appellant;

Ikkunsidrat;

Illi ladarba, għar-raġunijiet fuq migjuba, il-ġudizzju mhux integru, l-konvenuti appellati għandhom jiġu liberati mill-osservanza, billi dik l-irregolarità ma tistax tiġi sanata bil-kjamata in kawża ta' Sant Fournier, li mhix permessa f'dan l-istadju (art. 978 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Civili); u dan apparti l-kwistjoni, li ma tidħolx f'din il-kawża, jekk anki fl-ewwel istanza setgħetx issir dik il-kjamata billi l-interess ta' Sant Fournier kien mill-appellant magħruf mill-bidu, qabel ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell biss fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu rrespingiet id-domandi miġjubin biċ-ċitazzjoni, u minflok tillibera l-konvenut appellat mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant, barra dawk tal-konvenut Axisa nomine li jibqgħu mingħajr taxxa. U fis-sens fuq imsemmi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Novembru 1944.